MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 28/2004

**Michael Zammit**

**Vs**

**Charlie Cordina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut xtara minn ghand l-attur ghadd ta’ ghamara u mobbli antiki, li gew kkonsenjati lil istess konvenut.

Peress illi l-prezz ta’ dawn l-oggetti huwa elf liri Maltin (LM1000) u l-konvenut ma hallas xejn minn l-imsemmi prezz.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat

1. ihallas lil attur is-somma ta' elf Liri Maltin (LM1000) kif fuq dovuti.

2. ihallas l-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' Marzu 2004 u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-attur fis-seduta tal-21 t'April 2004;

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas ghal dik tal-lum, minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

U billi t-talba attrici hija ppruvata wkoll mid-deposizzjoni tal-attur mhux ikkontradetta;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira maltin (LM1,000) prezz ta' ghadd ta' ghamara u mobbli ohrajn antiki mibjugha u kkunsinnati lill-konvenut bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-eventwali hlas effettiv;  bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------